Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef A. Ellul

Appell numru 25/2014AE

**Annunziata Spiteri**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

It-Tnejn, 7 ta' Dicembru 2015.

B'decizjoni tad-Direttur, illum appellant, tal-1 ta' Ottubru 2013, gie dikjarat li l-appellata thallset zejjed is-somma ta' €11,715.36 bhala pensjoni tar-romol matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Dicembru 2012. L-appellata appellat u b'decizjoni tat-23 ta' Ottubru 2014 l-arbitru taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) iddecieda:-

*"Mill-provi migjuba quddiem l-Arbitru jirrizulta li l-Appellanti nghatat l-arretrati li kienet dovuta u li dawn teknikament kellhom jinqassmu fuq il-perjodu kollu u kellhom jitnaqqsu mit-total ta' dhul ghal dik is-sena partikolari li kienet mistharrga".*

Id-Direttur appella u l-aggravju hu li d-dhul tal-appellata fil-gimgha kien jaqbez il-paga minima nazzjonali u bid-decizjoni tieghu semplicement applika dak li tghid il-ligi.

L-appellata wiegbet li:-

i. Ghas-sena 2011 l-ammont li thallas in eccess tal-paga minima nazzjonali ma kienx introjtu ghal xoghol li hadmet fis-sena 2011, izda hlas ta' arretrati skont ftehim li ntlehaq mal-UHM;
ii. Il-ftehim mal-UHM gie konkluz f'Ottubru 2012 u ma jregix li sar hlas bi zball gialadarba l-Gvern hu unitarju fl-ezercizzju tal-funzjonijiet tieghu;

Il-qorti rat l-atti u tosserva:-

1. L-appellata hi armla u mpjegata mad-Dipartiment ghall-Anzjani u Kura fil-Komunita.

2. Id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali jsostni li fil-perjodu 2011-2012 id-dhul tal-appellata kien jaqbez il-paga minima nazzjonali. F'dan ir-rigward l-appellant ghamel riferenza ghall-Artikolu 32 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318), li

jipprovdi li armla taht l-eta' tal-pensjoni ma jkollhiex jedd ghall-pensjoni tar-romol jekk:-

*"ma tipprovax għas-sodisfazzjon tad-Direttur li l-qligħ tagħha minn xi xogħol bi qligħ ma jkunx iżjed minn medja fil-ġimgħa ekwivalenti għall-paga minima nazzjonali kif applikabbli għal persuni tal-età ta' tmintax-il sena jew iżjed kif stabbilita taħt ordni ta' standard nazzjonali maħruġ taħt l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u l-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ tkun ġiet avżata kif imiss li hekk tkun qed taħdem bi qligħ"*:

Sussegwentement, b'Att numru XII tal-2014: *"Izda **b'effett mill-4 ta' Jannar 2014**, id-dritt ghar-rata ta' Pensjoni shiha dovuta skont it-Taqsima IV ma ghandux jitnehha minkejja li l-persuna armla tkun f'impjieg assigurabbli li jeccedi l-paga minima nazzjonali"*. Ovvjament dan il-provvediment ma kienx japplika ghal kaz in ezami gialadarba l-kaz jitratta dhul matul is-sena 2011 u 2012.

3. Jirrizulta li fis-sena 2011 il-qligh tal-appellata kien €8,730 filwaqt li fis-sena 2012 il-qligh taghha kien ta €8,267. F'nota datata 17 ta' Frar 2014, l-appellant iddikjara:-

*"L-ammont ta' hlas zejjed originali (jigifieri €11,715.36) inholoq minhabba li l-appellanti kienet tahdem full time u ghas-snin 2011 u 2012 id-dhul taghha kien jeccedi l-Paga Minima Nazzjonali u allura skont l-Artikolu 32(2)(a) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali ma baqghetx intitolata ghal Pensjoni tar-romol.*

*Skont l-FS 3s provduti mill-appellanti, fl-2011 kellha dhul ta' €8,730.38 u l-Paga Minima Nazzjonali kienet tammonta ghal €7,979.92 u allura teccedi bl-ammont ta' €750.46. Ghas-sena 2012 id-dhul tal-appellanti kien ta' €8,267.60 u l-Paga Minima Nazzjonali kienet tammonta ghal €8222.24 u allura teccedi bl-ammont ta' €45.36"*.

Jidher li l-kalkoli u konkluzjoni li wasal ghaliha d-Direttur huma bazati fuq perjodu ta' sena shiha. Mill-atti jidher l-appellata tircievi l-qligh kull erba' gimghat[1].

4. Il-posizzjoni spjegata fin-nota li pprezenta d-Direttur quddiem l-Arbitru u datata 17 ta' Frar 2014, tirrifletti dak li kienet tipprovdi l-ligi jekk wiehed kellu jikkunsidra l-qligh tal-appellata matul sena shiha. 'Il fatt li fis-sena 2011 parti mill-qligh kien hlas ta' arretrati, ma jbiddel xejn. Il-qligh sar meta rceviet il-

[1] Ara prospett li jikkonsisti f'rendikont tal-qligh mill-impjieg kull erba' gimghat ghas-snin 2011-2012.

hlas irrispettivament ghal liema perjodu kienu japplikaw l-arretrati, u dan kien proprju fis-sena 2011. Ghalhekk il-qorti ma taqbilx mal-Arbitru li l-arretrati:

*"….. kellhom jinqasmu fuq il-perjodu kollu u kellhom jitnaqqsu mit-total ta' dhul ghal dik is-sena partikolari li kienet mistharrga"*.

5. Pero' mill-atti ma jirrizultax x'inhi r-raguni ghalfejn l-appellant ibbaza d-decizjoni fuq qligh fuq perjodu ta' sena. Il-qligh tal-appellata hu kull erba' gimghat, kif jirrizulta mill-prospett li hemm fl-atti, li fih rendikont tal-qligh li kellha l-appellata **kull erba' gimghat** matul is-snin 2011 u 2012. Fil-fehma tal-qorti ladarba l-appellata tithallas kull erba' gimghat, hu ragonveoli li l-ezercizzju li kellu jsir kien li d-Direttur jivverifika jekk matul perjodu ta' erba' gimghat, il-medja tal-qligh ghal kull gimgha kinitx teccedi l-paga minima nazzjonali. Ghalhekk a bazi tal-prospett li hemm fl-atti, il-qorti hi tal-fehma li l-appellata **<u>ma kinitx intitolata</u>** ghall-hlas tal-pensjoni ghall-perjodi:-

**<u>2011</u>**.

- 26 ta' Frar sal-25 ta' Marzu;
- 21 ta' Mejju sas-17 ta' Gunju 2011;
- 13 ta' Awissu 2011 sad-9 ta' Settembru 2011;
- 3 ta' Dicembru 2011 sat-30 ta' Dicembru 2011;

Peress li fir-rigward tal-kumplament tal-perjodi matul is-sena 2011, il-qligh medju matul l-erba' gimghat ma kienx jeccedi l-paga minima nazzjonali, l-appellata ghandha jedd ghall-pensjoni tar-romol matul dawk il-perjodi.

**<u>2012</u>**.

- 26 ta' Frar sat-23 ta' Marzu;
- 20 ta' Mejju sal-15 ta' Gunju;
- 12 ta' Awissu sat-8 ta' Settembru;
- 2 ta' Dicembru sad-29 ta' Dicembru;

Peress li fir-rigward tal-kumplament tax-xhur matul is-sena 2012, il-qligh medju matul l-erba' gimghat ma kienx jeccedi l-paga minima nazzjonali, l-appellata ghandha jedd ghall-pensjoni tar-romol matul dawk il-perjodi.

**Ghal dawn motivi, tvarja d-decizjoni tal-Arbitru fis-sens li:-**

1. **Tilqa' l-appell tal-appellant fir-rigward tal-perjodi[2] li jissemmew f'paragrafu hamsa (5) tas-sentenza u li fihom l-appellata ma**

[2] Ghas-snin 2011 u 2012.

**kinitx intitolata ghall-pensjoni tar-romol, u ghalhekk tikkonferma bhala korretta d-decizjoni tad-Direttur ghall-imsemmija perjodi.**

2. **Ghal kumplament tal-perjodi tikkonferma d-decizjoni tal-Arbitru**.

**In vista ta' din is-sentenza d-Direttur ghandu jaghmel l-aggustamenti relattivi. Spejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

Anthony Ellul.